C/2026/5412

16.10.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12594 — CINVEN / LA CAISSE / OPTIO)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/5412)

1. Fis-7 ta' Ottubru 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Cinven Strategic Fund 2 ("Cinven SF2", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn Cinven Limited (ir-Renju Unit),

— Caisse de dépôt et placement du Québec ("La Caisse", il-Kanada),

— Optio Group Limited ("Optio", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn Preservation Capital Partners Fund I LP (ir-Renju Unit).

Cinven Limited u La Caisse se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Optio kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Cinven SF2 u Cinven Limited huma parti minn Cinven ([2]), ditta ta' ekwità privata involuta fil-forniment ta' servizzi ta' ġestjoni tal-investiment u ta' konsulenza dwar l-investiment lil diversi fondi ta' investiment,

— La Caisse hija investitur istituzzjonali li jamministra l-fondi tad-depożitanti tiegħu, primarjament magħmula minn pjanijiet tal-pensjonijiet u tal-assigurazzjoni pubbliċi u parapubbliċi fil-Provinċja ta' Québec, il-Kanada,

— Optio hija pjattaforma tal-assigurazzjoni ta' speċjalità bil-kwartieri ġenerali f'Londra li topera bħala aġent ġenerali maniġerjali. Din tipprovdi servizzi ta' sottoskrizzjoni u ġestjoni lill-assiguraturi u lir-riassiguraturi madwar ir-Renju Unit, pajjiżi Ewropej oħra, il-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq, l-Amerka ta' Fuq u r-reġjun Asja-Paċifiku. Għandha wkoll negozju iżgħar ta' senserija tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([3]), jenħtieġ jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

([2]) "Cinven" tfisser, skont il-kuntest, kwalunkwe minn jew kollettivament Cinven Holdings Guernsey Limited, Cinven Partnership LLP u l-"assoċjati" rispettivi tagħhom (kif definiti fl-Att tal-2006 dwar il-Kumpaniji tar-Renju Unit) u/jew fondi ġestiti jew rakkomandati minn kwalunkwe wieħed minn dawn ta' hawn fuq kif kostitwiti għall-finijiet tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet (Regolament tal-Kunsill 139/2004). Cinven ma għandiex pajjiż ta' inkorporazzjoni peress li mhijiex entità korporattiva.

([3]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12594 — CINVEN / LA CAISSE / OPTIO

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË